31994D0187

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tat-18 ta' Marzu 1994
li tippreskrivi l-kondizzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' *casings* ta' annimali minn pajjiżi terzi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(94/187/KE)

IL-KUMMISJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tippreskrivi l-kondizzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ fil-Komunità u l-importazzjoni fiha ta' prodotti mhux suġġetti għall-imsemmija kondizzjonijiet stipulati f'regolamenti speċifiċi tal-Komunità li jirreferi għalihom l-Anness A (1) tad-Direttiva 89/662/KEE u, fir-rigward tal-patoġeni, tad-Direttiva 90/425KEE [1] u b'mod partikulari l-Artikolu 10(2)(a) u (c) ta' din,

Billi l-Anness I, Kapitolu 2 tad-Direttiva msemmija hawn fuq jippermetti l-importazzjoni ta' *casings* ta' annimali li jkunu għaddew minn trattament preskritt, minn kull pajjiż terz;

Billi l-kondizzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għandhom ikunu preskritti biex ikun iggarantit li t-trattament preskritt għall —*casings* jitwettaq;

Billi meta jitqies li ġie stabbilit reġim ġdid ta' ċertifikazzjoni, għandu jingħata perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni tiegħu;

Billi l-miżuri li tipprovdi għalihom din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' *casings* ta' annimali mill- pajjiżi terzi kollha akkompanjata minn ċertifikat tas-saħħa kif huwa preskritt fl-Anness, li għandu jkun fih folja waħda u li għandu jimtela għall-inqas b'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru li jwettaq il-kontroll fuq l-importazzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 1994.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Marzu 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 62, ta' l-15.3.1993, p. 49

L-ANNESS

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TA' L-ANNIMALI

għall-*casings* ta' annimali maħsuba biex jintbagħtu fil-Komunità Ewropea

Nota għall-importatur: Dan iċ-ċertifikat huwa għal skop veterinarju biss u għandu jakkompanja l-kunsinna sakemm tasal fl-istazzjon ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

Pajjiż ta' destinazzjoni: .....

Numru ta' referenza taċ-ċertifikat tas-saħħa: .....

Pajjiż esportatur: .....

Ministeru responsabbli: .....

Dipartiment li jiċċertifika: .....

I. **Identifikazzjoni tal-casings**

Casings ta' .....
(speċi)

Natura ta' ppakkjar: .....

Numru ta' pakketti: .....

Piż nett: .....

II. **Oriġini tal-casings**

Indirizz u numru tal-kontroll veterinarju ta' l-istituzzjoni approvata: .....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-casings**

Il-*casings* se jintbagħtu minn .....
(post tat-tagħbija)

għal .....
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

bil-mezzi ta' trasport li ġejjin: .....

Numru tas-siġill ([1]) .....

Isem u indirizz tal-kunsinnatur: .....

.....

Isem u indirizz tad-destinatarju: .....

.....

([1]) Mhux obbligatorju.

IV. **Attestazzjoni**

L-uffiċjal veterinarju hawn taħt iffirmat jiċċertifika li l-casings deskritti hawn fuq:

(a) ġejjin minn impjanti approvati mill-awtorità kompetenti

(b) tnaddfu, inbarxu u

— kienu kkurati [1] bil-melħ NACl għal 30 jum;
jew

— ġew ibbliċjati [1];
jew

— tnixxfu wara li nbarxu [1];

(c) ittiħdulhom il- prekawzjonijiet kollha biex ma jkunux ikkontaminati mill-ġdid wara t-trattament.

Magħmul fi ....., ...
(post) (data)

Timbru [2]

.....
(firma tal-veterinarju uffiċjali) [2]

.....
(isem f'ittri kapitali)

[1] Ħassar kif inhu xieraq.

[2] Il-firma u t-timbru għandhom ikunu ta' lewn differenti minn dak tat-test stampat.